TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 90/15/GB

**George Azzopardi**

**vs**

**MaltaPost p.l.c.**

Illum 1 ta' Lulju 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' April, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifużjoni ta' mija u hmistax il-Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmi (€115.83), rapprezentanti r-rifuzjoni li ntilef mir-rikorrent dwar oġġetti li nxtraw mic-Cina, minhabba nuqqasijiet da parti tas-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fis-6 ta' Dicembru 2014 huwa kien baghat pakkett irreġistrat bin-numru RR 535536305 MT mill-posta ta' Haz-Zabbar lejn ic-Cina. Wara diversi telefonati u e-mails lis-socjeta' ntimata sabiex huwa jiġi informat fejn wasal il-pakkett, huwa baqa' minghajr risposta wara xahrejn u nofs. B'hekk, ir-rikorrent tilef ic-cans li jiġi rifuz il-flus lura mill-'PayPal' ghaliex huwa ma kellux il-'post registration number' validu.

Illi ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob l-ammont li kellu jiġi rifuz minghand is-socjeta' ntimata, minhabba nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tas-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Preliminarjament, l-Avviz tat-Talba huwa nieqes mill-lista tax-xhieda, dana bi ksur tas-subartikolu 3.3 tal-Avviz Legali 8 tal-1996, kif emendat.

2. Preliminarjament ukoll, l-Avviz tat-Talba mhuwiex akkompanjat min-nota tad-Direttur ghall-Affarijiet tal-Konsumatur jew minn ghaqda ta' konsumaturi reġistrata, skond il-kaz, li fiha jkun hemm dikjarat li t-talba tkun ingiebet quddiem id-Direttur jew quddiem l-ghaqda ta' konsumaturi reġistrata u li wara dan ma jkun intlahaq ebda ftehim dwar il-kwistjonijiet konċernati, dana ghalhekk bi ksur tas-subregolament 3.1 tal-Avviz Legali 8 tal-1996, kif emendat, u f'kaz li jirrizulta li l-istess Avviz tat-Talba ma huwiex hekk akkompanjat allura t-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

3. It-talba tal-attur ghandha tincahad ghaliex l-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta), l-operatur postali (cioe' MaltaPost p.l.c. f'dan il-kaz) m'ghandu jinkombi ebda responsabbilita' ghal kumpens minhabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew hsara lil, xi oġġett postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta, u l-eccezzjonijiet imsemmija fl-istess artikolu mhumiex applikabbli f'dan il-kaz, u, f'kull kaz, u skond l-istess artikolu, l-intimata ma ghandha tinkorri ebda responsabbilita' minhabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jew hsara bhal dawk, kemm-il darba dawn ma jkunux gew kaġunati b'malafidi jew bi traskuraġni, illi kjarament mhuwiex il-kaz.

4. Ai termini tat-Terms and Conditions for Registered Postal Articles illi jirregolaw is-servizz moghti, f'kull kaz ma jistax jinghata kumpens ghall-valur tal-kontenut ġewwa l-postal article, sakemm dan il-postal article ma jkunx gie assikurat. Dana huwa miktub ukoll fuq ir-Registered Label moghtija lir-rikorrent. Ir-rikorrent ghazel li ma jassigurax l-oggetti mibghuta u ghalhekk ma jistax jippretendi illi MaltaPost p.l.c. tbaghti hija il-konsegwenzi tal-agir tieghu.

5. Sussidjarjament, u minghajr preġudizzju ghall-fuq premess, ir-Rikorrent ghandu jipprova li hu indika fuq l-oggett postali l-indirizz it-tajjeb u intier tal-allegat destinarju fic-Cina.

6. Sussidjarjament, u minghajr preġudizzju ghall-fuq premess, ir-Rikorrent ghandu jipprova li hu segwa l-istruzzjonijiet moghtija lilu minn PayPal u r-regoli relattivi imposti minn l-istess PayPal, u ghandu jipprova ukoll illi kien tort ta' MaltaPost p.l.c. li r-rikorrent tilef ic-cans li jiġi rifuz l-ammont pretiz minn PayPal.

7. Sussidjarjament, u minghajr preġudizzju ghall-fuq premess, ir-rikorrent ghandu jipprova li MaltaPost p.l.c. naqset milli tonora xi obbligu li kellha fil-konfront tar-rikorrent.

8. Sussidjarjament, u minghajr preġudizzju ghall-fuq premess, ir-rikorrent ghandu jipprova fuq liema bażi u b'liema dritt huwa intitolat ghall-kumpens minghand MaltaPost p.l.c., aktar u aktar fl-ammont imsemmi fit-talba promotrici.

9. Sussidjarjament, u minghajr preġudizzju ghall-fuq premess, l-oggett postali mibghut mir-rikorrent gie mibghut lejn ic-Cina minn MaltaPost p.l.c. permezz tal-posta reġistrata skond it-talba ta' l-istess rikorrenti, liema oġġett postali fil-fatt wasal ic-Cina, u dan kif jiġi ppruvat ahjar fil-mori ta' din il-kawza.

10. Sussidjarjament, u minghajr preġudizzju ghall-fuq premess, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

11. Sussidjarjament, u minghar pregudizzju ghall-premess, anke f'kaz li dan it-Tribunal kellu jsib li r-rikorrent ghandu jiġi kkumpensat minn MaltaPost p.l.c. fir-rigward tat-talba odjerna allura MaltaPost p.l.c. ma ghandhiex tiġi kkundannata thallas lill-istess rikorrenti aktar minn hamsa u tletin euro u erbgha u erbghin ċenteżmu (€35.44) skond kif jirrizulta minn paġna numru 5 tat-termini u kundizzjonijiet applikabbli f'dan il-kaz, u dan hekk kif inhu rifless ukoll fuq in-naha ta' wara tal-'Registered Mail' docket li nghata lir-rikorrent meta hallas ghas-servizz postali in kwistjoni. Dana l-obbligu ta' hlas ta' hamsa u tletin euro u erbgha u erbghin ċenteżmu (€35.44) ma jfissirx ammissjoni ta' responsabbilita' u/jew rinunzja tal-immunita' moghtija mill-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta) fuq imsemmi, imma biss pagament skond regolamenti tal-Universal Postal Union ghall-inkonvenjent.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jiġu michuda.

Bl-ispejjez.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' email mibghuta lilu mis-socjeta' ntimata, li ġiet immarkata bhala Dok.GA1; kopja ta' email mibghuta lilu mill-'PayPal', li ġiet immarkata bhala Dok.GA2; kif ukoll ittra mibghuta mis-socjeta' ntimata flimkien ma' credit note fl-ammont ta' sebgha u tletin Ewro u disgha u hamsin ċenteżmi (€37.59), li ġiet immarkata bhala Dok.GA3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda ġuramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-online tracking, li ġiet immarkata bhala Dok.MT1.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

It-Tribunal qed jichad l-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta' ntimata, stante illi r-rikorrent ma kellu ebda xhieda x'jelenka, u ma hemmx in-necessita' illi huwa jelenka lilu nnifsu bhala xhud.

It-Tribunal qed jichad ukoll it-tieni eċċezzjoni sollevata mis-socjeta' ntimata, stante illi l-imsemmija nota ġiet ezebita mir-rikorrent flimkien ma' l-avviz ta' talba.

It-Tribunal, wara li ra l-Artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta), qed jilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-socjeta' ntimata.

Billi qed tigi milqugha t-tielet eccezzjoni fil-mertu sollevata mis-socjeta' ntimata, ikun inutili ghat-Tribunal li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra fil-mertu sollevati mis-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u in vista tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta' ntimata li giet milqugha minn dan it-Tribunal, qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**